MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 285/1994/2

**Perit Joseph Boffa**

**v.**

**John A. Mizzi**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha l-konvenut gie dikjarat li b'kitbietu ingurja l-memorja ta' Sir Paul Boffa u l-gieh tieghu, u kwindi ta' l-attur ibnu, u gie kkundannat ihallas lill-istess attur in linea

ta’ danni s-somma ta’ tlett mitt lira (Lm300) kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

2. Ic-citazzjoni promotrici tghid li l-konvenut, b’kitba ppublikata f’”The Sunday Times” fl-20 ta’ Frar 1994, taht it-titolu “A Yacht Marina for Xemxija?”, immalafama lil Sir Paul Boffa, missier l-attur li huwa wiehed mill-eredi tieghu, billi qal dwaru hwejjeg li ma humiex veri u attribwielu skopijiet li ma humiex tajba meta l-konvenut asserixxa li *“Dr Boffa wanted to build there”* [i.e. fuq in-naha tat-tramuntana tal-bajja tax-Xemxija] u ghalhekk inghata permess li jsir bini fuq dik in-naha tal-bajja. L-attur ghalhekk talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tiddikjara li l-konvenut b’din il-kitba ingurja l-memorja ta’ Sir Paul Boffa u l-gieh tieghu, u kwindi ta’ l-attur, ibnu, kif ukoll li tikkundanna lill-istess konvenut ghar-risarciment tad-danni skond il-ligi.

3. Il-konvenut eccepixxa hekk:

**“Preliminarjament, l-attur m’ghandux dritt ta’ azzjoni ghal risarciment tad-danni qua eredi ta’ Sir Paul Boffa in kwantu l-assi ereditarju tad-decujus ma giex mittiefes.**

**“Bla pregudizzju, fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan ghar-ragunijiet segwenti: (a) L-eccipjent qatt ma allega li Sir Paul Boffa ried jibni dar ghalih stess fix-Xemxija, izda li kienet id-decizjoni tieghu bhala Prim Ministru li f’dik iz-zona jittella’ l-bini: “wanted to build there”; (b) il-kitba in kwistjoni ma fiha xejn ingurjuz u m’hemmx “animus injuriandi” – l-eccipjent la offenda u lanqas ried joffendi l-memorja ta’ Sir Paul Boffa; (c) Bejn l-eccipjent bhala gurnalista u Sir Paul Boffa bhala Prim Ministru dejjem kien hemm rispett reciproku u l-eccipjent kien habib tal-familja Boffa, liema hbiberija baqghet sa mewtu.”**

4. Permezz ta’ nota presentata fl-10 ta’ Novembru 1995, il-konvenut eccepixxa ulterjorment:

**“Illi l-azzjoni attrici mhix proponibbli minhabba l-principju *actio personalis moritur cum persona* (‘The dead can’t sue for libel, nor can their widows’).”**

5. Permezz ta’ sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla fit-28 ta’ Gunju 1996 (ara fol. 63 *et seq.* tal-process) din l-eccezzjoni giet respinta. Il-konvenut appella minn din is-sentenza in parte, izda din il-Qorti, diversament komposta[1], ikkonfermat – b’sentenza tas-7 ta’ Ottubru 1997 – is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti.

6. Permezz tas-sentenza appellata (tal-21 ta’ Ottubru 2002), l-ewwel Qorti rrespingiet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u, kif inghad, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-istess konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mitt lira lill-attur, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:
“Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni gja wiegbet f'certu sens is-sentenza preliminari ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tat-28 ta' Gunju 1996 (fol. 63) u konfermata, kif inghad, mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997;

“In aggunta pero` jghoddu l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza "**Lawrence Cachia Zammit et -vs- Carmelo Chetcuti A.& C.E.**", 8 ta' Novembru 1957, li wkoll kienet titratta minn ingurja b'ittra, u fejn a propositu gie hekk ritenut:

"L-interess biex wiehed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche` guridiku, jigifieri korrispondenti ghall-lezjoni ta' veru dritt; u ghalhekk ittra mibghuta lil persuna, li tilledi l-onorabilita` ta' persuna ohra, taghti lil dan ta' l-ahhar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita` tal-kontenut ta' dik l-ittra; u dan avvolja l-persuna offiza ma tkunx sofriet danni materjali."

“Maghdud ma' dan hemm ir-riflessjonijiet traccjati fis-sentenza "**Onor. Paul Boffa M.D. noe et -vs- Paul**

[1] S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, Onor. Imhallef Carmel A. Agius u Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri.

**Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Frar 1950, ampjament citata mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tas-7 ta' Ottubru 1997 fil-kaz *de quo*;

“Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi respinta;

“Kwantu ghal linja difensjonali illi l-kliem, allegatament ingurjuz, kellu jinftiehem fil-mod kif mill-konvenut suggerit fil-korp tan-nota ta' l-eccezzjonjiet (fol. 9), tan-nota ta' l-osservazzonijiet (fol. 85) u fid-dibattitu orali (fol. 102 – fol. 112) din il-Qorti ma tikkondividix r-ragjonament fihom dedott mill-konvenut;

“Qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fuq il-hsieb taghha il-ghala ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut, ikun opportun jekk jigu senjalati dawn il-fatti emanenti mill-provi:-

(I) Skond ix-xhud l-Arkitett Vincent Cassar (fol. 38) l-art minnu determinata bhala situata hdejn il-Knisja tax-Xemxija, kienet sit ta' zvilupp. Id-data meta kienet giet hekk destinata hi imprecizata;

(II) Mill-korrispondenza esebita (fol. 47 - 48) irrizulta li kienet saret applikazzjoni mis-socjeta` Anglo-Iranian Oil Co. (Malta) Ltd ghat-tehid ta' bicca art f'Cala Mistra, murija f'Dok. JC1 ghall-erezzjoni fuqha ta' "*bulk storage installation for petroleum products*";

“Minn valutazzjoni ta' dawn il-provi difficilment jista' jinghata piz jew sostenn d-difiza tal-konvenut illi fi zmien l-amministrazzjoni ta' Dr. Boffa inghataw permessi ghal "*buildings*", intiza din il-kelma fit-tifsira ordinarja taghha, ben definita f'certi ligijiet taghna, ad exemplum, l-Att I ta' l-1992 dwar l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Il-hsieb tal-konvenut fl-epistolarja tieghu kien wiehed car f'dan il-kuntest. Hu kien espressament qed jirriferi ghal "*buildings*" li fil-fehma tieghu fil-kors ta' l-istess paragrafu "*erupted into a conglomeration of high- and low-rise constructions of grotesque proportions*";

“Tant ma kellux il-konvenut fil-*forma mentis* tieghu haga ohra hlief "*buildings*" li fir-raba' paragrafu ta' l-istess ittra jtenni: "*Then came the oil tanks ...";*

“Meta dan kollu jigi apprezzat fil-perspettiva logika ghandu jkun lampantement ovvju u daqstant kristallin illi l-kliem denunzjat ghandu rabta mal-hrug ta' permessi ghal "*buildings*", u mhux ghal haga iehor hlief "*buildings*" proprju ghaliex "*Dr. Boffa wanted to build there*". Din l-espressjoni, fil-fehma tal-Qorti, tirrivesti, fil-hsieb u l-iskop taghha, il-punt, ukoll imqanqal mill-attur, hekk akkuzat b'sensibilita zejda mill-konvenut, illi Dr. Boffa personalment ried jibni f'dik il-lokalita` u kien ghalekk li fi zmien l-amministrazzjoni tieghu nghataw permessi ghal bini;

“F'dan il-kuntest gie ventilat l-argoment fuq x'interpretazzjni l-qarrej ordinarju jattribwixxi lill-kliem fil-kuntest tieghu. B'"qarrej ordinarju" wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq is-suggett jissejjah "*right-thinking person*". Appuntu persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jinftiehem. Fil-kuntest tal-kaz taghna it-twegiba ghalhekk ghall-argoment sollevat hi wahda ovvja. Persuna ta' intelligenza ordinarja, proprju minhabba l-mod kif inhuma koncepiti, tati lill-kliem oggezzjonat l-istess sinfikat li l-attur jattribwilhom. Ma jaddebitalhom l-ebda ekwivocita` b'mod li kapaci jinftehmu xort' ohra minn kif fil-kuntest taghhom logikament jinftehmu u jfissru;

“Il-konvenut nizel fil-kamp ukoll biex bhal fil-kaz ta' azzjonijiet taht il-Ligi “Dwar l-Istampa” jipprova l-"*exceptio veritatis*", anke jekk din ma qajjimiex formalment bhala eccezzjoni. Issa biex jirnexxielu f'dan, il-prova htiegilha tkun "*piena, larga e sicura*" fl-estensjoni kollha taghha (**Vol. XXXIX P IV p 1037**) in kwantu hadd ma jista jippretendi li jkollu licenzja ta' kritika jew kumment dwar fatti "li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti". ("**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell 27 ta' April 2001);

“Fil-kaz in disamina dan it-tentattiv tal-konvenut ukoll ifalli in kwantu mill-provi ma jirrizulta l-ebda element probatorju

serju ta' konferma illi nhargu xi permessi ghal "*buildings*", kif ukoll lanqas semplici indizju li Sir Paul Boffa "*wanted to build there*". Kif affermat mill-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Edition, pag. 354), "*under a plea of justification the defendent must justify the <u>precise</u> imputation complained of".* Taghmel qari interessanti *in subjecta materia* d-decizjoni riportata a Vol. XXIX P I p 859 u ghal liema qed isir debita riferenza.

“Linja ohra difensjonali avvanzata mill-konvenut hi dik li hu ma kellux l-*animus iniuriandi.* Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Paolo Pace -vs- Maria Bugeja**" (Vol. XXXVI P IV p 855) illi "l-*animus iniuriandi* huwa prezunt meta l-kliem li nghad huwa ingurjuz; imma din il-prezunzjoni hija *iuris tantum* li sservi biex tixhet fuq il-kwerelat il-piz tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-*animus*";

“Issa minn imkien mill-provi, kif gja ampjament manifest, ma rnexxielu l-konvenut jiddisimpjenja ruhu bi prova kuntrarja ghal presunzjoni guridika fuq affermata. Il-fatti rrizultaw inveritieri u ma gewx sostanzjati billi almenu juru li l-konvenut kellu ragunijiet tajba biex jahseb veru dak li kiteb. Huwa illimita ruhu li jappilja mal-iskuzanti tal-buona fede. Pero` kif ravvizat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Arturo Mirasole -vs- Manwel Borg**", 6 ta' Dicembru 1948 a Vol. XXXIII P IV p 774:

"Il-bwona fede tad-diffamatur ma ghandiex x'taqsam. Ghax xejn ma jservi lill-kwerelat li jipprova li hu jahseb li l-addebitu minnu maghmul kien veru. Darba moghtija l-eccezjoni tal-verita` tal-fatti l-unika haga li tista’ issostniha hi l-prova obbjettiva tal-verita` tal-fatti, u xejn ma ghandha x'taqsam il-prova ta' l-istat subjettiv tac-certezza tad-diffamatur.";

“Lanqas ma jista' jservi ta' suffragju ghal konvenut il-fatt illi bejnu u Sir Paul Boffa, bhala Prim Ministru, dejjem kien hemm rispett reciproku jew li hu kien habib tal-familja tieghu. Dan il-fatt ma jistax jikkampa fuqu bhala element ta' mitigazzjoni u lanqas ghandu jservih b'applikazzjoni ta' xi principju dirimenti;

"Kuntrarjament ghalhekk ghal dak sostenut mill-konvenut l-ingurja, konsiderata b'ottika oggettiva u reali, tinsab "*in re ipse"* tal-kliem kontenut fl-ittra u mill-attur denunzjat. Din l-ingurja, imbaghad, issir aktar gravi meta l-kliem divulgat fl-ittra jirrispekkja kontenut li ma ghandux mis-sewwa u l-verita taghhom, skond l-istess atteggjament difensjonali tal-konvenut, ma gietx ippruvata. Tali agir ghandu jirrifletti ruhu fil-likwidazzjoni u hlas tal-hsara rizultanti minn dan ir-reat, temperat biss ghall-fatt li, kif din il-Qorti donnha fehmet, l-attur atar jinteressah ir-ri-akkwist ta' gieh missieru milli minn rizarciment ghal hsara subita. Jekk huwa minnu li wiehed ikun informat bil-fatti fl-interess generali daqstant iehor huwa minnu wkoll li l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna ma jkunux affangati b'allegazzjonijiet li ma jikkonformawx, u ma jikkorrispondux, mal-verita`."

7. L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienx imissha ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza minghajr ma l-ewwel semghet mill-gdid it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. L-appellant ifisser kif il-kawza kienet thalliet, fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 1999, ghas-sentenza ghall-10 ta' Novembru 1999. Il-kawza baqghet tigi differita diversi drabi ghas-sentenza quddiem dik il-Qorti kif allura presjeduta. Gara, pero`, li f'Awissu tas-sena 2002 l-Imhallef sedenti ma baqax f'dik il-Qorti, u l-kawzi li kienu pendenti quddiemu – inkluza l-kawza odjerna – gew assenjati lil Imhallef iehor (hawn aktar 'il quddiem, "it-tieni Imhallef"). Fil-11 ta' Ottubru 2002 il-Prim Awla – sedenti issa t-tieni Imhallef – ordnat li l-kawza tigi differita ghall-21 ta' Ottubru 2002 "fl-istess hin u ghall-istess skop tal-verbal precedenti". "Il-verbal precedenti" kien ighid li l-kawza kienet tinsab differita ghas-sentenza. Effettivament fil-21 ta' Ottubru 2002 inghatat is-sentenza minn dik il-Qorti sedenti t-tieni Imhallef. Skond l-appellant:

**"Hija l-'praxis curiae', ibbazata fuq rekwiziti ta' indoli kostituzzjonali, illi meta kawza tigi assenjata lil Imhallef gdid, dan jisma' t-trattazzjoni qabel ma jiddecidiha. Fil-fatt fil-Qorti ta' l-Appell hija l-'praxis curiae' illi meta tinbidel il-komposizzjoni tal-Qorti, il-**

**partijiet jinghataw l-opportunita` li jaghmlu trattazzjoni mill-gdid. Dan ghaliex il-gudikant li jkun ser jiddeciedi l-kawza ghandu l-obbligu li jisma' lill-partijiet. Dan ghalhekk jara jekk id-difensuri jridux jergghu jitrattaw jew iridux minflok jiddikjaraw li m'ghandhomx xi jzidu ma' dak li diga` jkun jinsab fl-atti tal-kawza."**

8. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad li l-appellant mhux jikkontendi li l-Qorti sedenti it-tieni Imhallef kellha tisma' mill-gdid <u>il-provi, jew xi whud minnhom</u>, ghall-finijiet ta' xi apprezzament ta' fatt bhalma hi l-kwistjoni tal-kredibbilita` ta' xhud jew xhieda. Kieku l-appellant qed jghid hekk, verament kien ikun hemm xi tghid dwar il-fatt li l-Qorti sedenti t-tieni Imhallef ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma staqsiet lill-partijiet jekk kelllhomx xi osservazzjoni jew osservazzjonijiet x'jaghmlulha. L-appellant qieghed semplicement jippretendi li kellu <u>jitratta mill-gdid</u> – jigifieri <u>jergghu jsiru s-sottomissjonijiet dwar punti ta' fatt u punti ta' dritt mill-avukati difensuri, jew ghall-anqas mill-avukat difensur tieghu</u> – qabel ma l-Qorti sedenti t-tieni Imhallef tghaddi ghas-sentenza. Dak li l-appellant qieghed konvenjentement jonqos milli jsemmi huwa li t-trattazzjoni kemm ta' l-avukat tieghu kif ukoll dik tal-avukat tal-attur (illum appellat) <u>kienet giet registrata u traskritta fit-totalita` taghha u inserita fil-process</u> – ara fol. 98 sa 114. Ma hemm u kien hemm xejn x'jindika, u ma sar ebda ilment f'ebda hin, li dik it-traskrizzjoni mhix wahda fidila. Huwa veru li normalment meta f'Qorti – u dan mhux biss fl-appell, kif donnu qed jifhem l-appellant – jinbidel l-Imhallef jew l-Imhallfin wara li dik il-kawza tkun thalliet ghas-sentenza, il-Qorti sedenti t-tieni Imhallef jew il-Qorti kollegjali komposta diversament tistieden lid-difensuri tal-partijiet biex jiddikjaraw jekk ghandhomx xi haga xi jghidu jew jekk tistax tipprocedi ghas-sentenza fuq l-atti li jkollha quddiemha; izda dan ma jsirx biex trattazzjoni li tkun tinsab traskritta fl-atti terga' tigi recitata ghall-gost li t-tieni Imhallef jisma' l-vuci ta' l-avukati, jew biex l-avukati izidu ma dik it-trattazzjoni – trattazzjoni li wiehed ghandu neccessarjament u dejjem jippresumi li kienet ezawrienti bizzejjed irrispettivament minn min ikun l-Imhallef sedenti. Il-'praxis curiae' li ghaliha jirreferi l-appellant ghandha

relevanza biss (1) fil-kaz li t-trattazzjoni tal-partijiet (jew, kif normalment isir, tad-difensuri taghhom) ma tkunx giet traskritta, jew (2) meta l-partijiet ikollhom raguni valida biex jigbdu l-attenzjoni tal-Qorti sedenti t-tieni Imhallef jew tal-Qorti kollegjali diversament komposta ghal xi haga naxxenti mill-fatt tal-komposizzjoni gdida jew marbut ma' tali komposizzjoni gdida, bhalma huwa, per ezempju, apprezzament tal-kredibbilita` ta' xi xhud, jew l-ezistenza o meno ta' raguni ghar-rikuza jew astensjoni tal-Imhallef. L-appellant, pero`, ma hu jilmenta minn xejn f'dan is-sens – l-ilment tieghu – ilment kjarament infondat fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz – huwa li t-trattazzjoni tal-avukati, jew ghall-anqas ta' l-avukat tieghu, kellha ssir mill-gdid quddiem il-Prim Awla sedenti t-tieni Imhallef. Jizdied jinghad ukoll, illi kieku l-appellant ried jigbed l-attenzjoni tal-Qorti sedenti t-tieni Imhallef ghal xi haga li minhabba fiha ma kellhiex tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza, huwa kellu bejn il-11 ta' Ottubru u l-21 ta' Ottubru 2002 zmien biex jaghmel dan. Dan ma ghamlux, probabbilment ghax anqas biss indenja ruhhu jara l-verbal tal-11 ta' Ottubru (fol. 121). Ghall-motivi premessi, dan l-aggravju qed jigi respint.

9. It-tieni aggravju ta' l-appellant jingabar kollu kemm hu f'dawn il-kliem ta' l-istess appellant:

**"Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju ta' l-esponent hu illi l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata u illi l-esponent qatt ma ssolleva l-eccezzjoni maghrufa bhala 'exceptio veritatis'. Biex tissolleva tali eccezzjoni, trid fl-ewwel lok taccetta li l-kitba kienet libelluza. Kif seta' l-esponent jissolleva l-'exceptio veritatis' meta l-argument principali tieghu kien illi huwa qatt ma ried joffendi t-tifkira ta' Sir Paul Boffa u li huwa ma kellux l-'animus injuriandi' u fl-ahharnett illi bejnu u Sir Paul Boffa kien hemm rispett u hbiberija reciproki?"**

10. Issa, minn qari akkurat tas-sentenza appellata hu evidenti li l-kwistjoni tal-"exceptio veritatis" giet trattata mill-ewwel Qorti pjuttost bhala kwistjoni sekondarja, u dan in vista tal-provi li l-konvenut ghogbu jressaq quddiem dik il-Qorti. In fatti, fis-sentenza appellata, jinghad hekk: *"Il-*

*konvenut nizel fil-kamp ukoll biex bhal fil-kaz ta' azzjonijiet taht il-Ligi 'Dwar l-Istampa' jipprova l-'exceptio veritatis', anke jekk din ma qajjimiex formalment bhala eccezzjoni"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-parti tas-sentenza li tigi qabel din is-silta, l-ewwel Qorti kienet diga ddisponiet mill-eccezzjoni fil-meritu, eccezzjoni li, jekk wiehed jara t-tlett pedamenti li fuqom hija mibnija (ara n-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 9), hija fis-sens li dak li nkiteb la kien malafamanti fih innifsu, u anqas kien ingurjuz ghax il-konvenut ma kellux l-*animus injuriandi* u kellu l-ikbar rispett lejn Sir Paul Boffa. Fi kliem iehor, l-eccezzjoni tal-konvenut hija wahda u semplici, u cioe` li f'dak li huwa kiteb[2] ma kien hemm xejn ingurjuz fil-konfront ta' Sir Paul Boffa. L-ewwel Qorti kjarament ma qabiltx ma' dan. In fatti dik il-Qorti qalet hekk a propositu tan-natura ingurjuza tal-kitba: *"F'dan il-kuntest gie ventilat l-argument fuq x'interpretazzjoni l-qarrej ordinarju jattribwixxi lill-kliem fil-kuntest tieghu. B' "qarrej ordinarju" wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq is-suggett jissejjah "right-thinking person". Appuntu persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jinftiehem. Fil-kuntest tal-kaz taghna it-twegiba ghalhekk ghall-argoment sollevat hi wahda ovvja. Persuna ta' intelligenza ordinarja, proprju minhabba l-mod kif inhuma koncepiti, taghti lill-kliem oggezzjonat l-istess sinjifikat li l-attur jattribwilhom* [3]. *Ma jaddebitalhom ebda ekwivocita` b'mod li kapaci jinftehmu xort' ohra minn kif fil-kuntest taghhom logikament jinftehmu u jfissru."*

11. Din il-Qorti ma tistax hlief taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Kien x'kien il-hsieb li kellu f'mohhu l-appellant meta kiteb il-bran inkriminat, u bir-rispett kollu u l-hbiberija kollha li seta' kellu lejn Sir Paul Boffa, il-kliem kien wiehed malafamanti ghall-ahhar ghax jimplika li missier l-attur approfitta ruhhu mill-posizzjoni tieghu bhala kap ta' l-amministrazzjoni civili ta' dak iz-zmien biex huwa jkun jista' jibni fejn qabel ma kienx

[2] Skond l-attur, il-parti malafamanti tal-kitba kienet is-segwenti: *"After the war, during the administration of Dr Boffa, permission was given for buildings to be erected on the northern part of the bay because Dr Boffa wanted to build there…"* – ara fol. 4, *tergo*, tal-atti.
[3] U cioe` li Sir Paul Boffa ta l-permess ghall-bini ghax hu personalment ried jibni hemm.

hemm permess ghall-bini. L-attur ghamel prova – ghalkemm qajla kien hemm bzonnha fid-dawl tal-eccezzjoni fil-meritu kif moghtija – li missieru la kellu proprjeta` fix-Xemxija jew f'San Pawl il-Bahar u anqas band'ohra, u li wara l-gwerra qatt ma akkwista proprjeta` x'imkien (fol. 15).

12. Inoltre, kif inhu risaput, *"The meaning in which the defendant intended the words to be understood, though material on the question of damages, is immaterial in determining whether the words are defamatory or not. The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning."* [4] Sinjifikanti wkoll huwa l-fatt li l-konvenut qatt ma ppublika fl-istess gazzetta xi forma ta' korrezzjoni ghall-"malintiz" (skond hu) ta' kliemu, u dan anke wara li sar jaf li iben Sir Paul Boffa – li l-appellant suppost tant kellu rispett lejh – kien hassu ingurjat b'dak li kien gie stampat.

13. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief tikkonferma l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti u cioe` li dak li kiteb il-konvenut appellant kien malafamanti fil-konfront ta' Sir Paul Boffa, u kwindi ta' l-attur, kif ukoll fir-rigward tad-danni likwidati.

14. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London), 1981 (Eighth Edition), para. 89, page 89.